**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Carmel Azzopardi ta' 51 sena, iben Carmel u l-mejta Giovanna xebba Zammit.**
**Karta ta' Identita' numru 36349(G)**
**u**
**Stephen Azzopardi ta' 28 sena, iben Carmel u Vicky xebba Camilleri.**
**Karta ta' Identita' numru 9072(G)**
**u**
**Alvin Azzopardi ta' 24 sena, iben Carmel u Vicky xebba Camilleri.**
**Karta ta' Identita' numru 13475(G)**

**li joqghodu 'Azzopardi House', Triq tal-Qacca, Xaghra, Ghawdex.**

Illum 28 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fis-17 ta' Mejju 2000 ghall-habta tal-4.00pm, fix-Xaghra, Ghawdex, (1) volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u glied, (2) aktar talli kkagunaw feriti 'minor' skond kif iccertifika Dr. B. Gatt M.D. fuq il-persuna ta' John Attard mix-Xaghra, (3) aktar Stephen Azzopardi akkuzat talli kkaguna feriti 'minor' skond kif iccertifika Dr B. Gatt M.D. fuq il-persuna ta' Rita Attard mix-Xaghra (4) aktar talli lkoll bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-Ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, ikkommettew vjolazzjoni fil-proprjeta ta' John Attard mix-Xaghra, passagg li jaghti ghall-Triq il-Qacca, Xaghra, (5) aktar talli nsulentaw u heddew verbalment lil John Attard mix-Xaghra, (6) aktar Carmel Azzopardi saq truck nru. ABD 341 matul sqaq li jaghti ghall-Triq tal-Qacca, Xaghra, b'manjiera perikoluza u bi traskuragni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet l-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Issib lill-imputati hatja ta' l-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-hames akkuzi;

Dwar ir-raba akkuza, l-Qorti taghmel referenza ghal dak deciz fil-kawza il-Pulizija vs Carmel Farrugia fis-17 ta' Frar 1995 (Vol LXX IX-1995 PT IV FA 1571) fejn il-Qort kienet enumerat erba' rekwiziti sabiex tirnexxi l-prova dwar l-artikolu 85 tal-Kap 9, liema rekwiziti din il-Qorti ma thossx li huma pruvati u ghalhekk tilliberah minnha kif ukoll tilliberah mis-sitt akkuza stante li mhux sufficjentement pruvat.

Wara li rat l-artikoli 338 (dd), 221 u 339 (1) (e) tal-Kap 9;

Tikkundannahom ghal-hlas ta' multa ta' tletin lira Maltin (Lm30) kull wiehed komplessivament.

Tobbligahom individwalment sabiex ma jdejjqux u/jew ma jimmolestawx lil John Attard u/jew lil Rita Attard fuq penali ta' mitt lira Maltin (Lm100) multa fin-nuqqas ghal-zmien sena mil-lum ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur